




# festa San Ġorġ

2017












B'dik il-ħlewwa ta' tbissimtek,
kull fejn itterraq tiżra' l-ġmiel;
sa mill-antik sebbaħt lil gżiritna
bħal ġiżimini fi ġnien għammiel.

Ifraħ, Għawdex, b'Ġorġi tiegħek,
ismek imwaħħad ma' din il-belt;
benna dejjiema ġo qalbna nissel,
saħħaħna, o Setgħan, minn kull għelt.

Int l-ogħla miraklu ta' Alla,
ilqa' l-mewġ ta' mħabbitna lejk;
indommulek l-isbaħ għana
sa ma niġu fis-Sema ħdejk.

Isbaħ miċ-ċedru huwa ismek,
ifewwaħ wisq aktar min-nard;
fejn ismek, o glorjuż Ġorġi,
tidbiel dlonk bla lewn din l-art.

Ġorġi, ħarstek mgħarrqa f'tagħna,
xrara smewwija ta' dal-ħbub;
'kalamita' grazzjuża tal-poplu kollu,
rossna miegħek, għażiż maħbub.

Prinċep żagħżugħ, ħabbar ta' ferħ,
x'teżor sbejjaħ għandna bik!
Sraqtilna qalbna minn ġuf ommna,
ngħumu fi mħabbtek mitlufa fik.

*mill-poeżija "Ġorġi, żina li tpaxxi l-ħolqien"*
*ta' Fra Ġorġ Grech* OCSO*, 16 ta' Lulju 2017*

Għawdex
jiċċelebra l-Festi Prinċipali f'ġieħ
il-Protettur setgħan tiegħu

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

il-Patrun
tad-Djoċesi u tal-Belt Victoria
u
t-Titular
tal-Knisja ProtoParrokkjali u ArċiMatriċi
Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi *in urbe*
Omm il-Parroċċi tal-Gżira

**1 ~ 16 ta' Lulju 2017**



## Id-Disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ

Fil-11 ta' Mejju 2017 bdew id-Disa' Ħamisijiet bi tħejjija spiritwali għall-Festa ta' San Ġorġ li kienu mmexxija minn Dun Simon Mario Cachia.

## Il-*Victoria International Arts Festival* L-20 Edizzjoni

Dan il-festival internazzjonali, fil-kuntest tal-Festa ta' San Ġorġ, twieled fl-1998 bħala offerta ta' kultura għolja li tagħni b'dimensjoni ġdida u tikkostitwixxi żvilupp oriġinali fil-festa tradizzjonali Maltija. Kulħadd huwa mistieden għas-serati kollha li huma mingħajr ħlas, propju biex jitħares il-karattru popolari ta' dan il-festival. Programm dettaljat tal-għoxrin edizzjoni jinsab fuq www.viaf.org.mt.

**IT-TLIETA 6 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert Korali u Orkestrali fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Għoxrin Edizzjoni tal-Festival, bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, il-Kor *Laudate Pueri*, il-*University of Delaware Chorale* (direttur: Paul Head), is-sopran Claire Debono, u t-tenuri Paul Patinka u Ethan Udovich (Malta/l-Istati Uniti tal-Amerika/ir-Renju Unit), taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika u Direttur Artistiku tal-Festival, fil-Bażilika.

**L-ERBGĦA 7 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert ta' Mużika Sagra mill-*Cappella Musicale Pontificia 'Sistina'* (il-Belt tal-Vatikan), taħt id-direzzjoni ta' Mons. Massimo Palombella SDB, fil-Bażilika.

**IL-ĦAMIS 8 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*University of Delaware Chorale* (l-Istati Uniti tal-Amerika), fil-Bażilika.



**IL-ĠIMGĦA 9 TA' ĠUNJU**
**7.30pm:** Kunċert mill-pjanista Biliana Tzinlikova (l-Awstrija), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.
**8.30pm:** Inawgurazzjoni ta' wirja tal-arti minn Patricia Sant u Ramon Vella Bamber (Malta), fil-Mużew *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*.

**IS-SIBT 10 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolista Thomas Riebl, il-vjolinċellista Susanna-Ehn Riebl u l-pjanista Biliana Tzinlikova (l-Awstrija), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĦADD 11 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mir-*Royal Conservatoire Brass* (l-Iskozja), fuq il-bejt tal-Mużew *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*.

**IT-TNEJN 12 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Urban Quartet* (Franza), fil-Bażilika.

**IT-TLIETA 13 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinista Kitiara Braune u l-pjanista Elizabeth Leonardi (in-Norveġja/Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**L-ERBGĦA 14 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Gabriele Maria Vianello (l-Italja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĦAMIS 15 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinista Dejan Bogdanovich u l-pjanista Gabriele Vianello (is-Serbja/l-Italja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĠIMGĦA 16 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Martinů Quartet* (ir-Repubblika Ċeka), fil-Bażilika.

**IS-SIBT 17 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Flute East Trio* (il-Korea ta' Isfel/it-Tajwan), fiċ-Ċentru taċ-Ċittadella għall-Arti.

**IT-TNEJN 19 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Malta Baroque Ensemble* (Malta), fil-Bażilika.

**IT-TLIETA 20 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert minn *Eo Nomine* (l-Ingilterra), fil-Bażilika.



**L-ERBGĦA 21 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** *An Evening with Tartini and Contemporaries* (is-Slovenja/l-Italja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĦAMIS 22 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Eo Nomine* (l-Ingilterra), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĠIMGĦA 23 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** *Le Jardin Musical* (Franza/Malta), fil-Bażilika.

**IS-SIBT 24 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** *Le Jardin Musical* (Franza), fil-Bażilika.

**IL-ĦADD 25 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Oden Ensemble* (Franza), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia.*

**IT-TNEJN 26 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Ensemble KlangEssenz* (il-Ġermanja), fil-Bażilika.

**IT-TLIETA 27 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Carpe Musicam Quartet* (l-Awstrija/l-Iżvizzera), fil-knisja ta' Santu Wistin.

**L-ERBGĦA 28 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Francis James Camilleri (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĦAMIS 29 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Attard-Zerafa Duo* (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IL-ĠIMGĦA 30 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** *The Composer Speaks* minn Euchar Gravina u *Debutants' Concert* (Malta), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IS-SIBT 1 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinċellista Luc Tooten (il-Belġju), fil-knisja ta' Santu Wistin.

**IL-ĦADD 2 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert vokali mill-baxx Nicholas Warden u l-pjanista Charlene Farrugia (l-Ingilterra), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IT-TNEJN 3 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinċellista Daniel Veis u l-pjanista Helena Veisová (ir-Repubblika Ċeka), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.



**IT-TLIETA 4 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Junior Royal Academy of Music Vocal Ensemble* (l-Ingilterra), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**L-ERBGĦA 5 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinisti Emese Töth u David Lang (Malta), fil-Kurja tal-Isqof.

**IL-ĦAMIS 6 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mis-*Siglo de Oro Vocal Ensemble* u s-sassofonista Samuel Frederick Corkin (l-Ingilterra), fil-knisja ta' Santu Wistin.

**IL-ĠIMGĦA 7 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Marino Marini Quartet* (l-Italja), fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**IS-SIBT 8 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-Kor tal-Katidral ta' Rochester (l-Ingilterra), fil-Bażilika.

**IL-ĦADD 9 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-flawtista Rebecca Hall u l-arpista Britt Arend (il-Kanada/il-Belġju), fil-knisja ta' San Franġisk.

**IT-TNEJN 10 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert Orkestrali bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali u t-trumbettista Nicolas Chatenet (Malta/Franza), taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika u Direttur Artistiku tal-Festival.

## In-Novena ta' San Ġorġ

In-Novena hi sensiela ta' disat ijiem ta' tħejjija spiritwali li jwasslu għall-Ġimgħa tal-Festa. In-Novena hija għal kulħadd: tfal, adolexxenti, żgħażagħ, adulti u anzjani. It-tema ta' din is-sena hi: *Il-Verità fil-Leġġenda*. Il-Quddies tan-Novena, fis-7.00pm, jitmexxa mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi. Tul il-jiem tan-Novena ssir ukoll il-Kampanja ta' Ġenerożità b'risq il-Proġett Parrokkjali tal-Pannelli Fotovoltajċi, waqt li fi tmiem il-Quddiesa titqassam tifkira lit-tfal li jattendu.



**IS-SIBT 1 TA' LULJU**
**L-ewwel jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *San Ġorġ u d-dragun: storja u tradizzjoni*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-familji kollha, l-aktar dawk bi tfal żgħar.

**Il-ĦADD 2 TA' LULJU**
**It-tieni jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Id-dragun: il-ħażen*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-katekisti u l-edukaturi kollha.

**IT-TNEJN 3 TA' LULJU**
**It-tielet jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Id-dawl: l-għajnuna mis-Sema*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-ġenituri bit-trabi tagħhom mgħammda fl-aħħar sena. Wara, dawra ma' Għawdex bit-tren għat-tfal.

**IT-TLIETA 4 TA' LULJU**
**Ir-raba' jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Iż-żiemel u l-anġlu: l-għajnuna materjali u umana*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-kollaboraturi u l-voluntiera parrokkjali.

**L-ERBGĦA 5 TA' LULJU**
**Il-ħames jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *It-tfajla: il-Knisja*, li għaliha mistiedna l-koppji kollha li żżewġu fl-aħħar sena.

**IL-ĦAMIS 6 TA' LULJU**
**Is-sitt jum tan-Novena**
**Id-disa' u l-aħħar Ħamis ta' San Ġorġ**
**11.00am:** Quddiesa għall-anzjani u l-morda minn Dun Geoffrey George Attard, bis-sehem tal-membri u l-voluntiera tal-Ordni Sovran, Militari u Ospidalier ta' San Ġwann ta' Malta, li fiha jiġi amministrat is-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara, *Tombola Get-Together* organizzat mil-*Ladies Society* tal-parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali.



**6.00pm:** Quddiesa għall-persuni b'diżabbiltà minn Għawdex kollu mill-Kan. Michael J. Galea. Wara, ikla tal-Festa għalihom organizzata mil-*Ladies Society* tal-parroċċa fid-Dar Parrokkjali.
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Il-kuruna u l-palma tar-rebħa: il-premju dejjiem*, li għaliha mistiedna dawk li tilfu lil xi ħadd għażiż fl-aħħar sena.

**IL-ĠIMGĦA 7 TA' LULJU**
**Is-seba' jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *L-arma tal-Gvernatur De Cordoba: interċessjoni u radd il-ħajr*, li għaliha mistiedna l-persuni morda u l-koppji li qed jagħlqu ħamsa u għoxrin, ħamsin u sittin sena fil-ħajja taż-żwieġ.

**IS-SIBT 8 TA' LULJU**
**It-tmien jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *San Ġorġ: il-verità fil-leġġenda*, li għaliha mistiedna l-benefatturi kollha tal-parroċċa, b'mod speċjali dawk tal-proġett tal-pannelli fotovoltajċi.

**IL-ĦADD 9 TA' LULJU**
**Id-disa' u l-aħħar jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa biċ-Ċelebrazzjoni tal-Għeluq tan-Novena, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, u li fiha ssir il-Vestizzjoni ta' Abbati ġdid.
**8.30pm:** Festin kbir u divertiment għat-tfal fi Pjazza San Ġorġ.
**9.00pm:** L-Ikla tal-Festa quddiem il-Każin *La Stella* fi Triq ir-Repubblika, organizzata mis-Soċjetà Filarmonika *La Stella*.

**IT-TNEJN 10 TA' LULJU**
*Il-Quddies tal-5.00, tas-6.00 u tas-7.00pm jiġi ċċelebrat fiċ-Ċentru Parrokkjali.*
**7.00pm:** Tiġrijiet tradizzjonali fi Triq ir-Repubblika bis-sehem ta' bhejjem minn Malta u Għawdex. Fi tmiem it-tiġrijiet, tqassim tat-trofej lir-rebbieħa mill-Onor. Dr Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex, u minn Dr Samuel Azzopardi, Sindku tal-Belt Victoria.
**8.00pm:** Kunċert Orkestrali bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali u t-trumbettista Nicolas Chatenet (Malta/Franza), taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika u Direttur Artistiku tal-*Victoria International Arts Festival*.



**IT-TLIETA 11 TA' LULJU**
**JUM IL-ĦRUĠ MIN-NIĊĊA**

**6.00pm:** Quddiesa mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb.

**7.00pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* minn Taċ-Ċawla sa Pjazza San Ġorġ.

**8.00pm: Ħruġ tradizzjonali min-niċċa tal-istatwa ta' San Ġorġ (1839), kapulavur fl-injam ta' Pietru Pawl Azzopardi u l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex. Ġabra speċjali għall-Festa.**

**9.00pm:** *Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* miż-żgħażagħ Ġorġjani fil-Bażilika, organizzata mill-Grupp *23four>>*, b'mumenti ta' talb, riflessjoni u kant immexxija minn Patri Joseph Formosa OFMCONV.

**9.30pm: Dimostrazzjoni brijuża bl-istatwa ta' San Ġorġ (1991), xogħol ta' Austin Camilleri, bis-sehem tal-Banda *Santa Marija* (iż-Żebbuġ) mill-Każin *La Stella* fi Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Franġisk.**

**12.00am:** Spettaklu ta' logħob tan-nar tal-art fi Triq Enrico Mizzi, imtella' mill-Għaqda Żgħażagħ *La Stella*.

**L-ERBGĦA 12 TA' LULJU**
**L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

**6.00pm:** L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut mill-Kan. Ġużeppi A. Borg. Prietka minn Patri Joe Buttigieg OFMCAP, Gwardjan tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini tal-Belt Victoria. Wara, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. Emanuel Buttigieg.**

*Matul il-jiem tat-Tridu l-kant* a cappella *jsir mill-Kor tal-Bażilika* Laudate Pueri *u l-i*Schola Cantorum Gregoriana *taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo. Jiġu esegwiti l-innu* Georgi Miles Inclite *(1878), għal solisti, kor* a 3 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), u l-antifona* Beatus Georgius *(pre-1890), mużika ta' Mro Paolo Fiammingo (seklu 19) u versi ta' San Pier Damiani (1007-1072). Jieħdu sehem is-solisti Antonino Interisano (tenur) u Louis Andrew Cassar (baritonu). Il-kor u l-orkestra jkunu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella,* maestro di cappella.



**9.30pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* minn Triq Għajn Qatet sa Pjazza San Franġisk.
**9.30pm:** Marċ mill-Banda *Santa Margerita* (Ta' Sannat) minn Triq l-Arċisqof Pietru Pace sa Pjazza San Franġisk.
**10.00pm: Dimostrazzjoni popolari bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel (1987), xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi, bis-sehem tal-Banda Ċittadina *La Stella* u l-Banda *Santa Margerita*, minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ. Il-Banda Ċittadina *La Stella* żżanżan is-sett ta' marċi ġodda għas-sena.**
**12.00am:** Spettaklu ta' fjammi tan-nar sinkronizzati mal-mużika, imtella' mill-*Astra Power Boys*.

**IL-ĦAMIS 13 TA' LULJU**
**IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**
**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta minn Mons. Ġużeppi Gauci, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, b'suffraġju tal-erwieħ tar-ragħajja spiritwali u s-saċerdoti li taw servizz fi ħdan il-komunità parrokkjali Ġorġjana.
**6.00pm:** L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.
**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut minn Mons. Felix Tabone, Vigarju Parrokkjali. Prietka minn Patri Joe Buttigieg OFMCAP. Wara, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. Dr Joseph Zammit.**
**9.00pm:** Marċ mill-Banda *San Ġorġ* (Ħal Qormi) fi Pjazza San Franġisk.
**9.00pm:** Marċ mill-Banda *Santa Katarina* (iż-Żurrieq) (mistiedna b'inizjattiva tal-Għaqda tal-Armar *Festa San Ġorġ*) minn Pjazza San Ġorġ sa Pjazza San Franġisk.
**9.30pm: Dimostrazzjoni trijonfali bl-istatwa ta' San Ġorġ, Patrun ta' Għawdex (2008), xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi, bis-sehem tal-Banda *San Ġorġ* u l-Banda *Santa Katarina* minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza Savina, fejn issir preżentazzjoni awdjo-viżiva fuq San Ġorġ imtellgħa mill-Għaqda Żgħażagħ *La Stella*.**



**IL-ĠIMGĦA 14 TA' LULJU**
**IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta minn Mons. Pawlu Cardona, Vigarju Episkopali għall-Kleru, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, b'suffraġju tal-membri tal-parroċċa li ħallew din id-dinja matul is-sena li għaddiet.

**6.00pm:** L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut minn Mons. Alfred Xuereb. Prietka minn Patri Joe Buttigieg OFMCAP. Wara, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. George DeBrincat.**

**9.00pm: Eżekuzzjoni fi Pjazza San Ġorġ tal-Ewwel Innu l-Kbir ta' Għawdex *Su Garzoni* (1894), versi u mużika ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), mill-Banda Ċittadina *La Stella* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur il-Prof. Joseph Vella, u mill-Kor tat-Tfal tas-Soċjetà *Piccole Stelle* taħt id-direzzjoni ta' Sylvana Cini.**

**9.15pm:** Marċ mill-Banda *Anici* (Ħal Qormi) minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza Indipendenza.

**9.15pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina *La Vallette* (il-Belt Valletta) minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza Indipendenza, fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Dominic Darmanin.

**9.30pm: Dimostrazzjoni grandjuża bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ (1894), kapulavur ta' Vincenzo Cremona u l-ewwel statwa titulari għall-festi esterni f'Għawdex. Tmexxi d-dimostrazzjoni mat-toroq ewlenin tal-Belt Victoria l-Banda Ċittadina *La Stella*, bis-sehem tal-Banda *Anici*.**

**IS-SIBT 15 TA' LULJU**
**TMIEM IT-TRIDU MQADDES**

**10.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, li fiha jingħata radd il-ħajr lil Alla għas-sittin anniversarju presbiterali tal-Kan. Ġużeppi A. Borg u l-Kan. George DeBrincat, u għall-ħamsa u għoxrin anniversarju presbiterali ta' Dun John Vella. Fit-tmiem, kant solenni tat-*Te Deum*.



**LEJLET IS-SOLENNITÀ**
**5.00pm:** Quddiesa tal-Vġili tas-Solennità.
**6.00pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* mill-Każin fi Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ.
**6.30pm: TRANSLAZZJONI SOLENNI U ĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI TAL-EWWEL GĦASAR TAS-SOLENNITÀ PPRESEDUTI MILL-E.T. MONS. MARIO GRECH, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA LATERANENSI, ASSISTIT MILL-KAPITLU KATIDRALI U L-KAPITLU URBAN, U BIS-SEHEM TAL-KAVALLIERI TAL-ORDNI SAGRU, MILITARI U KOSTANTINJAN TA' SAN ĠORĠ.**
**7.45pm: Barka Ewkaristika minn Mons. Ġużeppi Farrugia.**
*Jiġi esegwit l-Għasar* Vespri per la Solennità di San Giorgio Martire *(1900) għal solisti, kor* a 4 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia. Jiġu esegwiti wkoll iż-żewġ antifoni* Beatus Georgius*, ta' Mro Paolo Fiammingo (pre-1890) u ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1897), u t-*Tantum Ergo in onore di San Giorgio Martire *(1901) ta' Mons. Giuseppe Farrugia.*
**8.00pm:** Programm mużikali fi Pjazza San Ġorġ mill-Banda Ċittadina *King's Own* (il-Belt Valletta) taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea.
**9.30pm: Eżekuzzjoni fi Pjazza San Ġorġ tal-Innu Immortali *A San Giorgio Martire* (1931), versi tal-Prof. Luigi Billion (1860-1939) u mużika ta' Mro Giuseppe Giardini Vella (1895-1974), mill-Banda Ċittadina *La Stella* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur il-Prof. Joseph Vella.**
**10.00pm: Marċ singulari u kolossali bis-sehem tal-Banda Ċittadina *La Stella* u l-Banda Ċittadina *King's Own*, li matulu jdoqqu flimkien bħala *massed band* fi Triq ir-Repubblika. Wara, spettaklu pirotekniku kbir fi Triq ir-Repubblika organizzat mill-Għaqda Żgħażagħ *La Stella*.**



**IL-ĦADD 16 TA’ LULJU**
**JUM IS-SOLENNITÀ TA’ SAN ĠORĠ**

*Il-Quddies filgħodu jkun fl-4.00, fil-5.00, fis-6.00, fis-7.00, fis-7.30 (fil-Bażilika), fit-8.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali), fit-8.30 (fil-Bażilika), fl-10.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali), fil-11.00 u f’12.00pm (fil-Bażilika); filgħaxija, fil-5.00 (fil-Bażilika).*

**8.00am:** Kant solenni tat-Terza mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata, ippresedut mill-Isqof Djoċesan, fis-Sagristija Maġġuri.

**8.30am: KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI PPRESEDUTA MILL-E.T. MONS. MARIO GRECH, ISQOF TA’ GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA LATERANENSI, ASSISTIT MINN RAPPREŻENTANTI TAL-KAPITLU KATIDRALI, IL-KAPITLU U L-KLERU TAL-BAŻILIKA URBANA, U MEMBRI TAL-KLERU SEKULARI U RELIĠJUŻ. JINSEĠ OMELIJA B’TIFĦIR LIL SAN ĠORĠ, IL-PATRUN TAD-DJOĊESI, DUN JOSEPH MERCIECA.**

*Tiġi esegwita l-*Mass in D in honour of St George “Princeps Martyrum” *(1976) għal solisti, kor* a 4 voci dispari *u orkestra, kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella,* maestro di cappella *tal-Bażilika u Surmast Direttur tal-Banda Ċittadina* La Stella*. Jieħdu sehem is-solisti Miriam Cauchi (sopran), Antonino Interisano (tenur) u Louis Andrew Cassar (baritonu).*

**11.00am:** Marċ brijuż u popolari fiċ-ċentru tal-Belt Victoria bis-sehem tal-Banda *San Ġorġ* (Ħal Qormi) u l-Banda *Sant’ Elena* (Birkirkara).

**5.00pm:** Quddiesa minn Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Katidral ta’ Għawdex.

**6.00pm: Ċelebrazzjoni Solenni tat-Tieni Għasar tas-Solennità mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata Urbana, ippreseduta mill-E.T. Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof emeritu ta’ Malta.**

*Jiġu esegwiti s-salmi tat-*Tieni Vespri ta’ San Ġorġ*, kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella, mill-Kor* Laudate Pueri *tal-Bażilika.*

**6.15pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* mill-Każin fi Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ.



**7.00pm: Ħruġ solenni tal-Purċissjoni bl-istatwa titulari ta’ San Ġorġ, il-Patrun ta’ Għawdex, li tintlaqa’ mill-Banda Ċittadina *La Stella* bl-innu reliġjuż *Georgius natus est* (1984), versi tal-Kan. Joe Mejlak (1944-2008) u mużika tal-Prof. Joseph Vella. Il-Banda Ċittadina *La Stella* ssellem lil San Ġorġ, il-Patrun tad-Djoċesi, bl-eżekuzzjoni tal-Innu Immortali *A San Giorgio Martire*, versi tal-Prof. Luigi Billion u mużika ta’ Mro Giuseppe Giardini Vella, bis-sehem tat-tenur Antonino Interisano (l-Italja), il-baritonu Louis Andrew Cassar (Malta) u l-Kor tas-Soċjetà *La Stella*.**

*Kien dan l-innu (1931), li fl-1934 beda t-tradizzjoni tal-innu l-kbir fil-ftuħ tal-purċissjonijiet titulari, liema tradizzjoni ġiet adottata mill-parroċċi l-oħra kollha ta’ Għawdex.*

**7.30pm: PURĊISSJONI PONTIFIKALI BL-ISTATWA TITULARI TA’ SAN ĠORĠ, IPPRESEDUTA MILL-E.T. MONS. PAWLU CREMONA OP, ARĊISQOF EMERITU TA’ MALTA, BIS-SEHEM TAL-KAPITLU U L-KLERU TAL-BAŻILIKA, L-ORDNIJIET RELIĠJUŻI TAL-BELT VICTORIA, IS-SEMINARISTI TAD-DJOĊESI, U L-FRATELLANZI TAL-PARROĊĊA. TAKKUMPANJA L-BANDA ĊITTADINA U DEKANA *LA STELLA* B’INNIJIET RELIĠJUŻI.**

**8.15pm:** Marċ mill-Banda *Mnarja* (in-Nadur) minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ, fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta’ Mro Joseph Grech.

**10.30pm: Dħul trijonfali tal-istatwa ta’ San Ġorġ fil-Bażilika Urbana fost il-briju u l-kant mill-poplu Għawdxi u Malti tal-innu popolari *Lill-Kbir Martri San Ġorġ* (1952), versi ta’ Patri Akkursju Xerri OFM (1915-1968) u mużika ta’ Mro Vincenzo Ciappara (1890-1979).**

**10.45pm: Antifona, u Barka Ewkaristika mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, li bihom jintemmu l-festi ewlenin ta’ Għawdex f’ġieħ San Ġorġ Megalomartri, sa mill-qedem il-Protettur tal-poplu Għawdxi.**



**QUDDIES U QRAR FIL-BAŻILIKA**
Jekk irridu li jkollna Festa kif tixraq, għandna nimpenjaw ruħna u nħeġġu lil xulxin għall-Qrar u għall-Quddiesa ta' kuljum fil-jiem tal-Festa. F'San Ġorġ, il-Qrara tajba u t-Tqarbina huma essenzjali. Bħas-soltu l-Qrar jista' jsir fil-ġranet kollha tal-Festa, imma l-penitenti huma mitluba biex jaħsbu kemm jista' jkun fil-jiem ta' qabel, f'ħinijiet barra mill-funzjonijiet.

Il-Quddies f'jum il-Festa jkun hekk:
Filgħodu: 4.00, 5.00, 6.00, 7.00, 7.30 (fil-Bażilika), 8.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali), 8.30 (fil-Bażilika), 10.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali), 11.00 u 12.00 (fil-Bażilika).
Filgħaxija: 5.00 (fil-Bażilika).

**QUDDIES FID-DJAR TAL-MORDA U L-ANZJANI**
Bejn it-Tnejn 3 u s-Sibt 8 ta' Lulju 2017, saċerdoti tal-parroċċa jkunu disponibbli biex jiċċelebraw il-Quddiesa u jamministraw is-sagramenti tal-Qrar u l-Griżma tal-Morda fid-djar tal-morda u l-anzjani tal-parroċċa. Dawk li jixtiequ li xi saċerdot iżur id-dar tagħhom għandhom jikkuntattjaw lill-Uffiċċju Parrokkjali (2155 6377).

**IKONA PRESIDENZJALI F'JIEM IL-FESTA**
Bi tradizzjoni mibdija fi żmien l-E.T. il-Prof. Guido de Marco (1931-2010), din is-sena wkoll l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, qed jogħġobha tibgħat għal jiem ta' qima fostna l-ikona Russa ta' San Ġorġ miżmuma fil-Palazz Presidenzjali ta' San Anton, Malta. Ix-xbihat tal-martri huma għajnuna biex inħossu l-preżenza konkreta tal-qawwa ta' Alla fostna.

L-ikona tkun esposta fil-Bażilika u, filwaqt li nammiraw il-ġmiel tagħha, għandna niftakru f'ħutna l-Kristjani li jgħixu fl-artijiet tar-Russja u nitolbu għal għaqda akbar bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes Ortodossi tal-Lvant.



## MUŻIKA SAGRA FIL-BAŻILIKA

Napprezzaw l-impenn kbir li jsir biex il-kompożizzjonijiet ta' mużika sagra unika li għandna jiġu esegwiti bl-aqwa mod possibbli. Il-mużika tkun esegwita mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u l-*Victoria Festival Orchestra*. Għall-okkażjoni l-kor jiġi kkumplimentat b'koristi Maltin u barranin, fosthom mill-Kor Pontifiċju *Cappella Sistina* u l-*Coro dell'Accademia di Santa Cecilia*, kif ukoll solisti lokali u barranin. Il-mużika fil-Bażilika, kemm fil-jiem tat-Tridu u kemm lejlet u nhar il-Festa, tkun taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella*. Il-mużika fil-Bażilika matul il-Festa tkun organizzata mill-Kan. George J. Frendo, assistent *maestro di cappella*, u Dr Maria Frendo, *leader* tal-Kor *Laudate Pueri*. Is-solisti huma s-sopran Miriam Cauchi (Malta), it-tenur Antonino Interisano (l-Italja) u l-baritonu Louis Andrew Cassar (Malta). Fl-Għasar tal-Erbgħa tal-Festa jieħu sehem il-Kor tal-Katidral ta' Rochester (l-Ingilterra).

## TRASMISSJONIJIET TAL-FESTA FUQ IR-RADJU U L-WEBSAJT

It-trasmissjonijiet bir-radju jsiru għal dawk li ma jistgħux jiġu l-knisja. Fil-każ tal-anzjani r-radju hu għajnuna, fil-każ ta' min m'hux ir-radju jsir strument ta' abbuż. It-trasmissjonijiet u r-ritratti permezz tal-websajt huma għal dawk li huma ħafna 'l bogħod minna. Infurmaw lill-emigranti tagħkom b'dan.

Mit-18 ta' Ġunju 2017, l-istazzjon tar-radju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria* (104.00FM MHz Stereo) ixandar bi skeda sħiħa l-funzjonijiet liturġiċi u l-attivitajiet esterni kollha marbuta mal-Festa, flimkien ma' programmi reliġjużi, kulturali u ta' attwalità, mill-istudjows fi Pjazza San Ġorġ, mill-Bażilika Ġorġjana, miċ-Ċentru Parrokkjali, u mill-pjazez u t-triqat tal-Belt Victoria.

Il-funzjonijiet kollha tal-Festa jistgħu jiġu segwiti fuq il-websajt tar-radju *www.lbv104.com*, li tista' tintlaħaq ukoll mill-websajt tal-Bażilika *www.stgeorge.org.mt*, fejn mhux biss jintwerew u jinstemgħu t-trasmissjonijiet kollha, imma jkun offrut ukoll servizz immedjat u estensiv ta' ritratti tal-attivitajiet festivi.



## OPRI U XOGĦLIJIET EWLENIN FIS-SENA 2017

### BAŻILIKA SAN ĠORĠ

Żewġ trieħi bojod għall-altar maġġur għal żmien ir-Randan.

Terħa bajda bil-bizzilla Maltija antika għall-altar maġġur għall-Milied u l-Għid.

Żewġ sopraleġiji vjola għal żmien ir-Randan.

Sett ta’ sitt gandlieri żgħar tal-bronż bil-Kurċifiss għall-altar maġġur.

*Projector*, skrin tat-televixin u kamra għall-użu pastorali.

*Membrane*, *insulation* u kontrabejt fuq is-Sala Parrokkjali.

Bidu tal-proġett tal-pannelli fotovoltajċi għal fuq is-Sala Parrokkjali.

Knisja ddedikata lil San Ġorġ Martri fil-villaġġ ta’ Madiwuta, l-Etjopja.

*Borehole* fil-Parroċċa ta’ Santo Hermano Pedro, il-Gwatemala.

Restawr, tiżbigħ u induratura tal-gandlier tal-Blandun tal-Għid.

Restawr tal-istatwa tal-Irxoxt.

Restawr u tiżbigħ tan-niċċa tal-Irxoxt.



**SOĊJETÀ FILARMONIKA *LA STELLA***

**GĦAQDA TAL-ARMAR *FESTA SAN ĠORĠ***

**Pjazza Indipendenza**
Statwa ta' Santa Ċeċilja Martri.

Orgni tal-ġewż għall-istatwa ta' Santa Ċeċilja.

Restawr u induratura fuq l-istatwa li tirrappreżenta l-Fidi.

Salib u kalċi għall-istatwa tal-Fidi.

Restawr u induratura tal-istatwa ta' San Żakkarija Papa.

Induratura tal-istatwa ta' San Ewstakju Martri.

**Pjazza San Franġisk**
Statwa bħala parti mid-dekorazzjoni tal-pedistall ta' San Ġorġ, li tirrappreżenta l-Knisja Patrijarkali ta' Kostantinopli.

**Triq ir-Repubblika**
Bandalora singulari ta' tifkira għal quddiem il-Każin *La Stella*.

Labarda u żewġ kruċetti għall-bandalora ta' tifkira.

Ħjata ta' erba' bandalori.

Sfumar ta' ħames bandalori.

Żewġ pitturi li jirrappreżentaw l-Etjopja u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Erba' labardi għall-bandalori.

Tkomplija tal-iskultura tal-pedistalli antiki tal-anġli ta' Vincenzo Cremona.



**Triq il-Librerija**
Restawr u induratura ta' tmien anġli.

Erba' brazzi għall-anġli.

Erba' mensli għall-anġli.

Bidu tal-iskultura tal-mensli.

**Triq San Ġorġ**
L-ewwel minn sett pavaljuni ġodda.

L-Għaqda tal-Armar *Festa San Ġorġ*, fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, trodd ħajr lill-benefatturi u l-voluntiera kollha tagħha.

**GĦAQDA TAN-NAR *SAN ĠORĠ MARTRI***

Il-logħob tan-nar tal-Festa hu kkordinat mill-Għaqda tan-Nar *San Ġorġ Martri* fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika *La Stella*. Il-kmamar tan-nar *Madonna tal-Virtù Fireworks Factory* (l-Għarb), *12th May Fireworks Factory* (Ħaż-Żebbuġ) u *St Mary Fireworks Factory* (l-Imqabba) ser ikunu qed jipparteċipaw bix-xogħlijiet tagħhom fil-jiem tal-Festa.



niġġeddu lkoll flimkien

PROĠETTI SAN ĠORĠ
2017-2022

# SAN ĠORĠ
## *għandu bżonnok*

Kif jaf kulħadd San Ġorġ tagħna l-ħin kollu għaddej, ma jieqaf qatt, u dan għax hu parroċċa li hu mistenni kollox minnha mingħand kulħadd u bla waqfien.  Hekk hu... San Ġorġ ma jegħja qatt ikun ta' servizz mhux biss għan-nies tiegħu, jiġifieri għalina l-Ġorġjani, imma anke għal dawk l-eluf li jfittxu l-wens tiegħu minn Għawdex kollu, u saħansitra minn Malta u barra minn xtutna.  Iva, San Ġorġ tagħna għandu qalb tassew kbira li l-għożża tiegħu jservi lil kulħadd mingħajr ebda riżerva u distinzjoni ta' kultura u twemmin.

Għaldaqstant, biex ikun jista' jibqa' jwassal dan is-servizz kontinwu u ta' livell għoli lil kulħadd, San Ġorġ ikollu jħabbat wiċċu ma' diversi sfidi, bħal kontijiet kbar tad-dawl u tal-ilma, u spejjeż oħra mhux żgħar marbuta partikolarment mal-ħidma pastorali u mal-manutenzjoni tal-Bażilika u ċ-Ċentru Parrokkjali.

Fid-dawl ta' dan kollu, wara ħafna u ħafna xhur ta' preparazzjoni, taħbil il-moħħ u stennija, bi pjaċir kbir inħabbru li San Ġorġ nieda **erba' proġetti kbar** li huma:

INSTALLAZZJONI
TA' PANNELLI
FOTOVOLTAJIĊI

1



3

RINNOVAZZJONI
TAĊ-ĊENTRU U
S-SALA PARROKKJALI





2

RESTAWR
TAL-FAĊĊATA,
IL-ĠNUB U
L-KOPPLA
TAL-BAŻILIKA

DAMASK
TAL-PALMA
GĦALL-
BAŻILIKA
KOLLHA

4



## AGĦTI SEHMEK
## INT UKOLL
## B'RISQ DAWN IL-PROĠETTI

**Issettjar, Pubblikazzjoni u Drittijiet tal-Istampa** | Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ
**Grafika** | Andrew Formosa
**Editjar u Fili tal-Kitba** | Francesco Pio Attard, George Francis Vella
**Stampat** | Gozo Press, Għajnsielem
**Ritratti** | Joe Attard, Sam Cefai, Toni Farrugia, Andrew Formosa, JJP Zammit

**© Bażilika San Ġorġ**
Il-Belt Victoria
Għawdex
2017

www.stgeorge.org.mt
info@sangorg.org
+356 21 556 377
+356 21 556 981

Bażilika San Ġorġ